**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Habier Grech**

Numru 154/2007

Illum 25 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Habier Grech**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, imwieled Pietà fit-12 ta' Settembru 1979, iben Raymond u Mary neé Zammit, residenti Numru 249, Triq Vittorja, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 514279(M),

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Frar 2007 u matul il-granet ta' qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu l-medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-

Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar Il-Professjoni Medika U L-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati), liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(b) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "NC 1" – *a fol.* 3) datat 19 ta' Frar 2007 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 120A(2) ta' l-Ordinanza Dwar Il-Professjoni Medika U l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "NC 2" – *a fol.* 4) datat 19 ta' Frar 2007 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza Dwar Il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 371/07 (*a fol.* 74 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti, liema Process Verbal jirrigwarda

*"sejba ta' allegata droga go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 496 li kienet misjuba minn Habier Grech nhar it-18 ta' Frar 2007".*

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 325) datat 22 ta' Frar 2008 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza Dwar Il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u Artikolu 120A(2C) tal-Ordinanza Dwar Il-Professjoni Medika U L-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), ordna li l-imputat Habier Grech jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi.

Rat illi, fis-seduta tat-22 ta' April 2008 (*a fol.* 327), il-Qorti kif diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali msemmi fil-paragrafu precedenti.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015 (*a fol.* 401), id-difiza talbet sabiex *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Att Numru 1 tas-sena 2015 (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta) il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, waqt liema seduta l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qed tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tat-talba msemmija u dana ghar-ragunijiet imsemmija minnha fl-imsemmija seduta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 414 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 418), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet il-provi kollha *da parte* tad-difiza fir-rigward tat-talba taghha *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé sabiex il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 459), il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza u nnominat lil *Clinical Psychologist* Dr. Edward Curmi sabiex jirrelata dwar il-kundizzjonijiet psikologici tal-imputat u dana fid-dawl ta' dak li jipprovdi Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fl-4 ta' Dicembru 2018, din il-Qorti tat Digriet fejn laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 519 *et seq.*).

Rat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (*a fol.* 547) fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success.

Rat li l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 564), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fil-5 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 575).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet da parte tad-difiza pprezentata fil-5 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 576 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Frar 2007, id-*Drug Squad* irceviet informazzjoni li l-imputat kien ser ikun fil-pussess ta' droga u li l-imputat kien ser ikun fl-inhawi ta' Birzebbuga. Jixhed li baghat xi nies fl-inhawi sabiex ifittxu lill-imputat li kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta'

registrazzjoni KAC 496. Jispjega li ghal habta ta' nofsinhar gie nfurmat li l-imputat kien twaqqaf fl-inhawi tal-Marsa u li wara li saret tfittxija gewwa l-vettura tieghu kienu nstabu tliet pakketti tas-sigaretti li kienu jikkontjenu xi sustanza kannella u xi pilloli suspettati *ecstasy*. Jispjega li fid-19 ta' Frar 2007 l-imputat rrilaxxa stqarrija u jghid x'qallu fiha. Ezebizza l-istqarrija li giet immarkata bhala Dok. "HG" (*a fol.* 27 *et seq.*). Jixhed ukoll li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Giovanni Grixti li ordna li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn gew appuntati diversi esperti sabiex jassistuh fl-Inkjesta.

Aktar tard fl-istess seduta tas-7 ta' Marzu 2007, l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Norbert Ciappara** rega' xehed (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn ezebixxa formalment bhala Dok. "NC" il-vettura tal-marka Peugeot li ggib in-numru ta' registrazzjoni KAC 496 li kien qed jaghmel uzu minnha Habier Grech meta gie mwaqqaf fit-18 ta' Frar 2007.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 389 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk dahalx fil-messaggi li kien hemm fil-*mobile phone* tal-imputat, wiegeb li ma jidhirlux li kien dahal fihom. Ikkonferma li l-imputat qallu li kien jahdem bhala *delivery* ma' ta' Smina u jaqbel li dawn huma persuni li jbieghu t-tigieg u l-prodotti tal-*poultry*. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qalux li wiehed mid-delizzji tieghu kien jirrigwarda t-tigrijiet taz-zwiemel u l-Marsa, wiegeb: *"Jidhirli li kien qalli verbalment li kien jattendi l-Marsa"* (*a fol.* 390). Mistoqsi diversi drabi dwar il-messaggi u jekk riedx ikompli jinvestiga dak li rrizulta mill-messaggi, wiegeb li ma jafx bl-amment il-messaggi li kien hemm. Jixhed: *"ma nistax nghid illi ma gibtx iktar provi fil-konfront taghhom ghax qed neskludihom, huma dak li huma. Jigifieri l-provi li gibt huma dawk li huma"* (*a fol.* 392). Mistoqsi jghid x'investigazzjoni ulterjuri ghamel fuq il-messaggi, wiegeb li ma jidhirlux li ghamel u mistoqsi jghid ghala ma ghamilx, wiegeb: *"M'iniex niftakar l-ghala, jigifieri bhalissa…"* (*a fol.* 392). Jghid li ma kienx jaf li kien ser isirlu l-kontro-ezami u d-difiza kkonfermat li ma kinitx avzatu b'dan (*a fol.* 392). Jixhed li qatt ma ra lill-imputat jabbuza mill-*ecstasy*. Mistoqsi jghid jekk ghamilx xi verifiki ma' xi istituzzjonijiet ohra sabiex jara jekk hux veru illi l-imputat kien effettivament jabbuza mill-*cannabis* u mill-*ecstasy*, wiegeb li kieku

ghamel il-verifiki ma' xi Agenzija ma kienx jinghata dik l-informazzjoni. Jghid li ma talabx lill-imputat jaghtih *urine samples* u jghid ukoll li m'hijiex prattika li ssir talba. Mistoqsi jghid jekk sabx xi karti, notamenti jew xi *notebooks* wiegeb fin-negattiv u jghid li wahda mir-ragunijiet kif wasal ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat kien mill-ammonti misjuba.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qal li fit-18 ta' Frar 2007 ghall-habta tas-1.30pm giet imwaqqfa vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni KAC 497 fi Triq Dicembru Tlettax liema vettura kienet misjuqa mill-imputat u li bhala passiggier mieghu kien hemm James Vella Bray. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura, mill-*pouch* tal-bieba gew elevati tliet pakketti sigaretti u borza tal-plastik. Jixhed li go pakkett tas-sigaretti Silk Cut vjola kien hemm mitt (100) pillola suspettata *ecstasy* u f'pakkett iehor kien hemm tnejn u hamsin (52) pillola. Jispjega li kien hemm ukoll pakkett sigaretti Du Maurier li kien fih bicctejn suspettati raza tal-*cannabis* u fil-borza tal-plastik kien hemm ghaxar (10) bicciet raza tal-*cannabis*, sebgha (7) twal u tlieta (3) qosra. Jghid li dawn gew elevati u mghoddija lill-iSpizjar Mario Mifsud. Jixhed li l-imputat qallu li l-affarijiet in kwistjoni kienu tieghu u li ma kienux ta' Vella Bray u li Vella Bray ma kellux x'jaqsam.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **PC 599 Clive Mangion** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qal li fit-18 ta' Frar 2007 ghall-habta tas-1.30pm giet imwaqqfa vettura tal-marka Peugeot 306 bajda bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496 u li x-xufier taghha kien l-imputat. Jghid li mal-imputat kien hemm James Vella Bray. Jixhed li z-zewg persuni gew mehuda d-Depot u li waqt tfittxija li hu (PC 599) kien qed jaghmel fil-vettura, minn gol-bieba tal-vettura eleva tliet pakketti tas-sigaretti fosthom tnejn tas-Silk Cut li kellhom ammont ta' pilloli suspettati *ecstasy* u go pakkett ta' Du Maurier ahmar kien hemm bicctejn rezina u li magenbu kien hemm borza trasparenti li kien fiha ghaxar (10) bicciet rezina. Jispjega li dawn gew elevati u mghoddija lill-iSpettur Norbert Ciappara. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qallux xi haga meta sab l-affarijiet li qal li sab, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, xehdet ukoll **WPC 86 Diane Fenech** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn qalet li fit-18 ta' Frar 2007 ghall-habta tas-1.30pm waqqfu lill-imputat fi Triq Dicembru Tlettax fil-hin li l-imputat kien qed jaghmel uzu minn vettura Peugeot bajda bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496, fejn flimkien mieghu kien hemm James Vella Bray bhala passiggier. Tghid li l-imputat ittiehed id-Depot fejn hi, PC 599 u PS 579 ghamlulu tfittxija fil-vettura tieghu u li mill-bieba tax-xufier PC 599 eleva tliet pakketti tas-sigaretti, fejn fi tnejn minnhom kien hemm xi pilloli u fl-iehor kien hemm suspettata raza tal-*cannabis*, u kif ukoll borza trasparenti b'suspettata raza fiha. Tghid li meta l-imputat gie mwaqqaf u gie mistoqsi jghid jekk kellux xi haga kontra l-ligi, hu qalilhom li ma kellu xejn kontra l-ligi. Mistoqsija tghid x'qal l-imputat meta nstabu l-affarijiet li semmiet, wiegbet li ma tiftakarx x'qal.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007, xehed ukoll **Brian Farrugia** (*Legal Officer* fil-*Licensing and Testing Directorate – a fol.* 37 *et seq.*) fejn qal li gie mitlub jaghmel ricerka rigward vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496. Jixhed li din hija vettura Peugeot 306 ta' kulur abjad u li hija registrata f'isem Habier Grech detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 514279(M) u li kienet ilha registrata f'ismu mill-31 ta' Mejju 2006 u kienet ghadha hekk sa dakinhar li xehed. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 41 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li jirrizultalu li l-vettura in kwistjoni giet mixtrija bil-*hire-purchase terms* ghax imbaghad giet kancellata fit-23 ta' Novembru 1999.

Illi, fis-seduti tas-26 ta' Gunju 2007 u tas-16 ta' Jannar 2008, xehed **Joseph Zammit** (*a fol.* 63 u *a fol.* 318 *et seq.*) fejn qal li huwa ezamina l-vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496 u wasal ghall-istima ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 65 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed **PS 1374 Edgar Dalli** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn qal li gie nominat sabiex jaghmel ezamijiet kimici ghal

zvilupp ta' impronti f'sejba ta' sustanza suspettata droga fuq Habier Grech nhar it-18 ta' Frar 2007. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "ED" (*a fol.* 94 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **Dr. Steven Farrugia Sacco** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn qal li ezamina zewg *mobile phones* li gie inkarigat jezamina mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Giovanni Grixti. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "SFS" (*a fol.* 105 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2007, xehed ukoll **James Vella Bray** (*a fol.* 214 *et seq.*), wara li nghata t-twissija skond il-Ligi (*a fol.* 91 u 214), fejn ikkonferma li kien gie mitkellem mill-iSpettur Ciappara rigward il-kaz ta' Habier Grech. Jghid li dakinhar hu (Vella Bray) kien id-dar u li wara mar jiehu kafé flimkien ma' Habier Grech go hanut partikolari f'Birzebbuga li ma jiftakarx x'jismu pero' jghid li jinsab fil-pjazza ta' Birzebbuga fejn hemm il-*bus terminus*. Jghid li damu hemm bejn nofs siegha u tliet kwarti. Mistoqsi jghid jekk hemmhekk baqghux flimkien il-hin kollu, wiegeb li ma jiftakarx. Jghid li wara li telqu minn hemm gew imwaqqfa l-Marsa. Jichad li jaf li saret tfittxija fil-vettura tal-imputat pero' jiftakar li kien kellmu l-iSpettur u mistoqsi jghid jekk jiftakarx li kien gie nfurmat x'instab fil-vettura mill-iSpettur Ciappara, wiegeb: "*Ma nafx ezatt imma nafx li sibtu xi haga*" (*a fol.* 217). Ghad-domanda jekk jiftakarx li l-iSpettur Ciappara kien infurmah x'instab fil-vettura, wiegeb li ma jiftakarx. Jiftakar meta gie arrestat mill-Pulizija u jghid li l-kaz in kwistjoni sehh tliet xhur/erba' xhur qabel, imbaghad jghid: "*ma nafx*" (*a fol.* 218). Jghid li fuqu ma saret l-ebda tfittxija. Jiftakar li l-Pulizija qalulu fuq xiex kienu qed jinvestigaw pero' jghid li ma jiftakarx dwar xiex. Jghid li ma jafx x'sabu l-Pulizija biex jinvestigaw fuqha. Meta gie mfakkar mill-Qorti kif diversament preseduta li kien taht gurament, wiegeb: "*Jiena qed nghidlek li ma niftakarx. Bad memory. I have bad insomnia, I have hepatitis, I have psoriasis and … on my lip and I am a very sick man and I do not remember things like this. I can only remember past a week. Beyond that*" (*a fol.* 219). Ghad-domanda jekk jiftakarx li kien gie nvestigat flimkien mal-imputat fuq pilloli suspettati *ecstasy* li kienu nstabu fil-vettura tieghu, wiegeb li ma riedx jinkrimina lilu nnifsu u ghazel li ma jwegibx. Mistoqsi jghid

jekk kellux x'jaqsam mal-pilloli li nstabu fil-vettura tal-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma kienux tieghu u li anqas kien jaf bihom.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008, xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 245 *et seq.*) fejn qal li gie appuntat mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti fit-18 ta' Frar 2007 sabiex jaghmel analizi fuq erba' dokumenti. Spjega li zewg dokumenti kellhom tnax il-blokka ta' sustanza kannella u zewg dokumenti ohra kien fihom mija u tnejn u hamsin (152) pillola. Fir-rigward tal-pilloli misjuba jghid li fihom instabet is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine* li jghid li huma *ecstasy* li fuqhom jghid li kellhom simbolu ta' qalb u tnejn minnhom kellhom logo tal-Euro. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MM" (*a fol.* 247 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2008, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 331 *et seq.*) fejn qal fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti kif diversament preseduta. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JM" (*a fol.* 333).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, xehed **Michael Grima** (*a fol.* 421 *et seq.*) fejn spjega li ghamel madwar dsatax-il sena jahdem bhala *care worker* u jghid li kien jahdem f'Santa Marija li tifforma parti mill-Agenzija Sedqa li jispjega li huwa forma ta' *programme treatment* u jghid li qisu speci ta' sptar biex persuna tirriforma mid-droga. Jiftakar li l-imputat kien jinsab hemm fis-sena 2002, li kellu l-problema tad-droga u li hu (l-imputat) dam hemm ammont ta' xhur. Jispjega li l-problema tad-droga tal-imputat kienet l-erojina u l-kokajina. Mistoqsi dwar id-dipendenza tal-imputat, wiegeb li la l-imputat kien wasal f'dik in-naha sinjal li kellu l-*habit* ghax altrimenti ma kienx jasal s'hemm. Jghid li wara s-sena 2002 ma kellu l-ebda kuntatt mal-imputat. Mistoqsi jghid jekk jarax differenza bejn l-imputat tallum u l-imputat ta' dak iz-zmien, wiegeb li ra bidla u mistoqsi jghid kif wasal ghal din il-konkluzjoni, wiegeb: *"ghax kif rajtu, waqaft inkellmu jigifieri bniedem jurik"* (*a fol.* 422).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, id-difiza ezebiet dokument *animo ritirandi* li gie mmarkat bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 424), liema

dokument nhareg mill-Agenzija ghall-Harsien mill-Abbuz tad-Droga u l-Alkohol fejn jinghad li Habier Grech (ID Numru 514279M) kien resident f'Komunita' Santa Marija, Drug Residential Rehabilitation Programme, bejn il-11 ta' Frar 2002 u s-26 t'Awwissu 2002.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017, xehed **Dr. Moses Camilleri** (*a fol.* 455 *et seq.*), wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali (*a fol.* 454), fejn spjega li l-ewwel darba li ra lill-imputat kien f'Awwissu 2000 fid-Detox Centre tal-iSptar San Luqa u jghid li rah fil-kuntest tas-servizzi li l-Agenzija Sedqa toffri ghal nies bi problemi ta' xi sustanzi. Jispjega li s-sustanza primarja li kienet toffri lill-imputat l-aktar problemi kienet is-sustanza erojina u li l-imputat mar hemm ifittex l-ghajnuna sabiex jeghleb mill-aktar fiss il-problemi li s-sustanza msemmija kienet qed toffrilu. Jghid li l-imputat kellu dipendenza fuq din is-sustanza tant li gie offrut il-*methadone*. Spjega x'gara wara dan u jghid li l-process ta' *detoxification* ma kienx wiehed difficli u jghid li rnexxa pero' jispjega li l-imputat sab xi problemi meta hareg barra u l-programm ippjanat fil-komunita' ma sehhx u b'hekk sar il-hsieb li l-imputat jaghmel programm residenzjali tant li sa Frar 2002 kien ippreparat biex jidhol fi programm residenzjali. Jghid li hemmhekk l-imputat waqqaf il-kuntatt mieghu u ma jafx jekk l-imputat bediex programm jew le tant li jghid li l-ahhar li rah kien fi Frar 2002 fid-Detox Centre. Jispjega li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputat kien jinghata pillola Naltrexone wahda kuljum li jghid hija l-oppost tal-*methadone* u jispjega li wiehed jehodha mhux bhala *substitute* ghad-dipendenza li jkollu fuq l-erojina imma biex f'kaz li jiehu l-erojina fil-mument li jkun qed jiehu l-pillola msemmija, tinholoq reazzjoni kerha bejniethom b'tali mod li l-persuna toqghod attenta hafna li ma tmissx l-erojina waqt li tkun qed tiehu l-pillola.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, xehdet il-**Psikologa Benna Chase** (*a fol.* 460 *et seq.*), wara li giet ezentata mis-sigriet professjonali (*a fol.* 459), fejn spjegat li ilha tahdem fi hdan l-*Oncology Centre* mis-sena 1995 u tispecifika li ilha hemm *full-time* mis-sena 2007. Tghid li mis-sena 2001 sas-sena 2006 kienet tahdem is-Sedqa bhala Psikologa. Mistoqsija tghid x'inhi l-*correlation* bejn l-uzu tad-droga

u l-effett psikologiku ghal fatt li bdejt tuza d-droga, wiegbet: *"hafna drabi jkun hemm issues mill-passat, hafna drabi mit-tfulija jista' jkun deprivation, jista' jkun anke xi loss jigifieri xi mewt ta' xi genitur, jista' jkun hemm hafna hafna ragunijiet. Il-bicca l-kbira dawk ikunu r-ragunijiet"* (*a fol.* 461). Tkompli tixhed: *"Jiddependi mit-tip ta' support li t-tifel jew it-tifla jkun ha to resolve the issues. Hemm issues ta' personalita' wkoll jigifieri jista' jkun li l-persuna jkollha hafna drabi personality problems minhabba mid-deprivation minhabba l-background allura jiddependi hafna, jiddependi mir-resilience li jkollu l-persuna li jkollha l-persuna"* (*a fol.* 461). Mistoqsija tghid jekk tafx lill-imputat, tghid li ma tiftakrux u mitluba thares fl-awla tindika lill-imputat pero' tghid li ndikatu ghax ratu diehel fl-awla meta gie msejjah jidhol.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed **Dr. Edward Curmi** (*a fol.* 470 *et seq.*) fejn filwaqt li ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "EC 1" (*a fol.* 475 *et seq.*), ta spjegazzjoni dwar dak li ghamel biex qeda l-inkarigu lilu moghti u dwar dak li rrizultalu. Jghid, fost l-ohrajn, li rrizultalu li l-imputat jbaghti minn certu ansjeta' li jghid li mhux ser titlaqlu u li ilha hemm mindu kien zghir peress li fit-tfulija tieghu kellu trawma u l-mod kif hu hass kien l-ahjar biex jghin lilu nnifsu jaffaccja s-sitwazzjoni kien billi jaghmel uzu ta' sustanzi, f'liema zmien kien jaghmel uzu specjalment ta' *crack* u erojina biex ikun jista' jinsa l-problemi li kellu fil-familja tieghu. Jispjega li f'dan il-kaz hemm hafna provi u hafna elementi li juru li bhala tifel l-imputat spicca affettwat hafna mill-fatt li ta' tnax il-sena missieru telaq mid-dar. Jixhed li missier l-imputat kellu problema tal-alkohol. Jghid li l-imputat kiber f'ambjent li t-tifel jigi l-ewwel u qabel kollox u jispjega li meta tifel jikber f'dan l-ambjent ma jkollox *boundaries*, ma jkollux idea ta' regoli ghax jaghmel li jrid, liema haga jghid li ma ghinitx lill-imputat ghall-kaz ta' droga. Spjega li l-imputat ghandu certi problemi ta' vizzji u spjega dawn x'kienu fejn jghid li kienu sustanzi ta' erojina u *crack*, imbaghad beda bl-*ecstasy* u bil-kokajina u li issa ma jiehux droga pero' beda jixrob. Jghid: *"huwa forma kif tghin dik l-ansjeta'. Issa meta nghid jien mhux qed jghinu s-sitwazzjoni tieghu, imma f'mohhu tkun mod kif jista' jadatta ghall-problema li ghandu li hija l-ansjeta' with depressive traits"* (*a fol.* 473). Jghid li l-imputat huwa anzjuz hafna u huwa

pjuttost pessimist. Jixhed: *"Ghandu n-natura tieghu qisu sens ta' ingustizzja ghal dak li gralu fi tfulitu ghax f'illi kien jghix hajja normali u spicca f'sitwazzjoni fejn missieru ma kienx jghix iktar maghhom u kien hemm certu sitwazzjonijiet li affettwawh u nahseb li dik hija l-iktar haga importanti"* (*a fol.* 473). Jghid: *"hu bhala bniedem jahseb f'dak il-mod allura jekk ha jiehu xi haga mhux ha jiehu one pill imma ha jesagera. In-natura tieghu huwa tip ta' bniedem li jekk ha jixrob, ha jixrob sew, jekk ha jiehu d-droga, ha jwegga' lilu nnifsu bid-droga jigifieri kien fi stat f'hajtu fejn xtaq jaghmel overdoses fil-passat qabel ma mar ghal programm jigifieri din tiffittja hafna man-natura ta' dak li nghidu "indulgent personality" …"* (*a fol.* 473). Jixhed li minn dak li jista' jifhem u minn dak li qara jara li l-imputat huwa reformat f'hafna modi u jispecifika li issa ghandu xoghol tajjeb, li nvesta, ghandu negozju tieghu, ghamel kors, ghandu licenzja, jghix ghall-familja tieghu u ghat-tifla tieghu u jghid: *"jigifieri m'hemmx dubju li qisu jrid ipatti ghal dak kollu li ra meta kien zghir hu jigifieri"* (*a fol.* 473).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-18 ta' Frar 2007 it-Taqsima ta' kontra d-Droga rceviet informazzjoni li l-imputat kien ser ikun fil-pussess ta' droga u li hu kien ser ikun fl-inhawi ta' Birzebbuga. Jirrizulta li minhabba f'hekk gew mibghuta xi ufficjali tal-Pulizija sabiex ifittxu lill-imputat li kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496. Jirrizulta li l-vettura msemmija giet imwaqqfa ghal habta ta' nofsinhar, f'liema vettura kien hemm l-imputat u James Vella Bray. Ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni spjegaw x'instab fil-vettura msemmija u x'gie elevat.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat tad-droga *ecstasy* u b'pussess aggravat tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis*.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju jsiru konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "HG" – *a fol.* 27 *et seq.*).

Illi jirrizulta li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu fi Frar 2007 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> *[…]*
>
> *It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that*

*the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu

inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[1] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[2] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:

*"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to*

[1] Hawnhekk il-Qorti rriferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[2] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

*ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Isegwi li, fil-kaz odjern, la darba l-istqarrija tal-imputat ttiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrija rilaxxata mill-imputat kif ukoll ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Pussess Aggravat ta' *Ecstasy* u *Cannabis*):**

Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' *ecstasy* u *cannabis*. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)

Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti

> pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, b'zieda mal-gurisprudenza li ssir riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi minkejja li meta l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Norbert Ciappara fil-kontro-ezami tieghu gie mistoqsi jghid jekk instabux xi karti, notamenti jew xi *notebooks* huwa wiegeb fin-negattiv, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti fir-rigward ta' dak li jinsab akkuzat bih l-imputat fiz-zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu:

- PS 579 Antoine Micallef, PC 599 Clive Mangion u WPC 86 Diane Fenech xehdu li fit-18 ta' Frar 2007 giet imwaqqfa l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496 fi Triq Dicembru Tlettax li jghidu kienet qed tigi misjuqa mill-imputat u li bhala passiggier mieghu kien hemm certu James Vella Bray.

- Minn tfittxija li saret fil-vettura gew elevati tliet pakketti sigaretti (tnejn Silk Cut u wiehed Du Maurier) u borza tal-plastik.

- Gol-pakketti tas-sigaretti Silk Cut kien hemm mija u tnejn u hamsin (152) pillola suspettata *ecstasy* u f'pakkett sigaretti Du Maurier kien hemm bicctejn suspettati raza tal-*cannabis*. F'borza tal-plastik kien hemm ghaxar (10) bicciet raza tal-*cannabis*.

- Brian Farrugia (*Legal Officer* f'dak li kien il-*Licensing and Testing Directorate*) ikkonferma li vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni KAC 496 kienet registrata f'isem Habier Grech (I.D. Numru 514279(M)). Dan jirrizulta minn Dok. "BF" (*a fol.* 41 *et seq.*).

- James Vella Bray filwaqt li spjega fejn kien hu qabel iltaqa' mal-imputat dakinhar tal-akkadut, spjega wkoll li fil-hin li kien mal-imputat gew imwaqqfa fil-Marsa. Minkejja li fid-depozizzjoni tieghu Vella Bray beda jwiegeb li ma kienx qed jiftakar ghal numru ta' domandi li kienu qed isirulu tant li l-Qorti diversament preseduta fakkritu li kien jinsab taht gurament, ghad-domanda jekk kellux x'jaqsam mal-pilloli li nstabu fil-vettura tal-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma kienux tieghu u anqas kien jaf bihom.

- Fir-rapport (Dok. "MM" – *a fol.* 247 *et seq.*) redatt mill-iSpizjar Mario Mifsud, l-imsemmi Spizjar wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  > *"(a) Li t-tnax il-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokumenti 507/07/01 u 507/07/02 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 20.177 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-medja tal-purita' tal-blokki ta' sustanza kannella, li kienu raza tal-pjanta tal-Cannabis, kienet ta' cirka 6.32%. Ir-raza tal-pjanta tal-Cannabis, hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
  >
  > *(b) Li l-mija u tnejn u hamsin pillola bajda li kien hemm fid-dokumenti 507/07/03 u 507/07/04 rispettivament instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 253).

- Fir-rapport (Dok. "JM" – *a fol.* 333) tieghu, Joseph Mallia wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"a. Illi l-impronta digitali dokument 07 AJT SG 1, zviluppata permezz tal-kimika minn fuq pakkett tas-sigaretti vojt tal-marka "Silk Cut" u li kien issigillat flimkien ma' borza zghira trasparenti f'security bag li ggib in-numru A 013111853 dokument 07 AJT 1 C, giet ikkomparata u rrizulta illi hija identika mal-marka tas-saba tac-curkett ta' l-id ix-xellugija ta' Haber Grech, li joqghod numru 74, Triq Zimelli, l-Hamrun, numru tal-Karta tal-Identita' 514279(M).*

*b. Illi l-impronta digitali dokument 07 AJT SG 2, zviluppata permezz tal-kimika minn fuq pakkett tas-sigaretti vojt tal-marka "Silk Cut", li kien issigillati flimkien ma' borza zghira trasparenti f'security bag li ggib in-numru A 013111855 dokument 07 AJT 1 D, hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' tistghax tigi kkomparata mad-dokument JM formola ta' l-impronti digitali u JM 1 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Haber Grech, li joqghod numru 74, Triq Zimelli, l-Hamrun, numru tal-Karta tal-Identita' 514279(M)"* (*a fol.* 15 u 16 tar-rapport Dok. "JM" – *a fol.* 333).

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-iSpizjar Mario Mifsud fir-rapport tieghu (Dok. "MM" – *a fol.* 247 *et seq.*), tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq u kif ukoll ghal dak li gie misjub u elevat mill-vettura tal-imputat, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li kemm l-ewwel (1) u kif ukoll it-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit

liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew pruvati;

- il-fedina penali (Dok. "NC 4" – *a fol.* 6) tal-imputat;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirrisalu ghas-sena 2007 u ghat-trapass ta' zmien li hadet il-kawza odjerna biex tigi konkluza;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-*care worker* Michael Grima (*a fol.* 421 *et seq.*), minn Dr. Moses Camilleri (*a fol.* 455 *et seq.*), mill-Psikologa Benna Chase (*a fol.* 460 *et seq.*) u minn Dr. Edward Curmi (*a fol.* 470 *et seq.*) u mir-rapport (Dok. "EC 1" – *a fol.* 475 *et seq.*) redatt minnu;

- il-fatt illi jirrizulta li l-unika kawza li l-imputat ghandu pendenti hija dik odjerna (*a fol.* 553);

- il-fatt li jirrizulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 547);

- fl-ahhar Nota mibghuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga **<u>qabel</u>** nghad li r-riabilitazzjoni ntemm b'success, jinghad: *"Is-Sinjur Habier Grech kien riferut lid-Drugs Community Team tal-Agenzija Sedqa, fl-24 ta' Jannar, 2019, mis-Sinjura Buhagiar Fiott (koordinatur, Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (BRPD)). Jien hawn taht iffirmata bdejt insegwi lis-Sinjur Grech fit-13 ta' Marzu, 2019.*

  *Fil-passat is-Sinjur Grech kellu problema marbuta ma' uzu ta' eroina u party drugs. Huwa jishaq li hu waqaf juza s-sustanzi illeciti diversi snin ilu, meta ddecieda li jahdem fuq il-problema u jibni familja mas-siehba tieghu.*

  *Is-Sinjur Grech qieghed jattendi ghas-sessjonijiet mieghi skond il-bzonn, kif ukoll jaghmel testijiet tal-awrina taht supervizjoni regolari, darba fil-gimgha, kif kien maqbul fil-bidu. Sad-data ta' dan l-aggornament, ircevejna erbatax- il rizultat li huma kollha negattivi ghas-sustanzi illeciti"* (*a fol.* 541);

- meta nghad lill-Qorti mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li r-riabilitazzjoni tal-imputat intemm b'success, il-Qorti giet infurmata bis-segwenti: *"L-attitudni tas-Sinjur Grech tidher li hija wahda posittiva u konformi ma' stil ta' hajja stabbli. Il-fatt li huwa rnexxielu jahdem fuq il-vizzju tieghu u kkopera mal-pjan li qbilna fuqu, jindika li hu ghandu intenzjonijiet tajba biex ikompli jahdem ghal stil ta' hajja stabbli. Barra minn hekk huwa msieheb f'kumpanija tat-trasport u jahdem bla heda biex isostni 'l familja tieghu u jarahom kuntenti. Hu jsemmi li jixtieq igawdi lill-familja tieghu, partikolarmnt lil bintu, minghajr hsibijiet zejda fuq mohhu"* (*a fol.* 549).

Illi tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz ta' dak li nghad fid-Digriet moghti fl-4 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 519 *et seq.*) fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi konvertita f'Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi applikat l-proviso ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 u cioé illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa u ghall-piena ta' prigunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985,

Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-proviso tas-sub-Artikolu (7) tal-istess Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Habier Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tliet elef Euro (€3000) u ghall-perijodu ta' sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Grech sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu (€2738.93).[3]

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

---

[3] Joseph Zammit (Dok. "JZ" – *a fol.* 69 *tergo*) (Lm116.23 – €270.74); PS 1374 Edgar Dalli (Dok. "ED" – *a fol.* 102) (Lm26.50 - €61.73); Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS" – *a fol.* 109 *tergo*) (Lm174.00 – €405.31); Spizjar Mario Mifsud (Dok. "MM" – *a fol.* 253 *tergo*) (Lm313.73 – €730.80); Joseph Mallia (Dok. "JM" – *Envelope a fol.* 333) (Lm244.85 – €570.35); Dr. Edward Curmi (Dok. "EC 1" – *a fol.* 488 *tergo*) (€700.00).

dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**